

- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha, kif ukoll daww i-ispejjeż sostnuti minn Ryanair u Airport Marketing Services.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbat i-ispejjeż tiegħu.
- 4) Ir-Repubblika tal-Latvja għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 165, 10.5.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018 – Ryanair u Airport Marketing Services vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-165/16) <sup>(1)</sup>

*(“Għajjnuna mill-Istat — Ftehimiet konklużi mal-kumpannija tal-ajru Ryanair u s-sussidjarja tagħha Airport Marketing Services — Servizzi ajruportwali — Servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Kunċett ta' għajjnuna mill-Istat — Vantaġġ — Kriterju tal-investitur privat — Irkupru — Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Aċċess għall-fajl — Dritt għal smiġh”)*

(2019/C 82/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### **Partijiet**

**Rikorrenti:** Ryanair DAC, li kienet Ryanair Ltd (Dublin, l-Irlanda), Airport Marketing Services Ltd (Dublin) (rappreżentanti: G. Berrisch, E. Vahida, I.-G. Metaxas-Maranghidis, avukati, u B. Byrne, solicitor)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, L. Armati u S. Noë, aġenti)

**Intervenjent insostenn tal-konvenuta:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Boelaert u S. Petrova, aġenti)

### **Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/287 tal-15 ta' Ottubru 2014 dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.26500 (2012/C) (ex 2011/NN, ex CP 227/2008) mogħtija mill-Ġermanja lil Flughafen Altenburg-Nobitz GmbH u Ryanair Ltd. (ĠU 2016, L 59, p. 22).

### **Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ryanair DAC u Airport Marketing Services Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll għal daww sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbat i-ispejjeż rispettivi tiegħu.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 222, 20.6.2016.